

Brussell, 25 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

10223/25  
PV CONS 30  
JAI 832  
COMIX 180  
PARLNAT 54

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)  
12 u 13 ta' Ġunju 2025

**ĠUSTIZZJA**

1. **Adozzjoni tal-aġenda** 9621/25

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9621/25.

2. **Approvazzjoni ta' punti "A"** 9611/25

a) **Lista mhux leġiżlattiva**

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

- b) **Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 9613/25

**Ġustizzja u Affarijiet Interni**

1. **Regolament tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità u tad-dokumenti ta' residenza**  8865/25  
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* 8375/25  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-11.06.2025 FRONT

Il-Kunsill adotta r-Regolament unanimament, wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew.

2. **Regolament dwar proċedimenti ta' insolvenza biex jiġu sostitwiti l-Annessi A u B tiegħu**  8878/25  
*Approċċ ġenerali* JUSTCIV  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-21.5.2025

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Regolament dwar proċedimenti ta' insolvenza biex jiġu sostitwiti l-Annessi A u B tiegħu

3. **Regolament għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan**  9277/25  
*Rapport ta' progress* JAI  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-4.06.2025

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress.

## Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

4. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tar-rekwiżiti għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli skont il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett**



9322/25  
PE-CONS 14/25  
EF

*Adozzjoni tal-att leġislativ*

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-4.06.2025

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

## Affarijiet Barranin

5. **Regolament dwar il-modifika tad-dazji doganali ta' ċerti oġġetti agrikoli u fertilizzanti mir-Russja u l-Belarussja**



9323/1/25 REV 1  
PE-CONS 5/25  
POLCOM

*Adozzjoni tal-att leġislativ*

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-4.06.2025

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE), bl-Ungerija tivvota kontra u l-Belġju u l-Bulgarija jastjenu.

## Agrikoltura

6. **Deċiżjoni dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fir-Repubblika tal-Moldova u fl-Ukrajna**



9324/1/25 REV 1  
PE-CONS 9/25  
AGRILEG

*Adozzjoni tal-att leġislativ*

approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-4.06.2025

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE), bl-Ungerija tivvota kontra u l-Polonja tastjeni.

### Deliberazzjonijiet leġislativi

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

3. **Regolament dwar il-protezzjoni tal-adulti**



9260/25 + ADD 1-3  
+ ADD 3 COR 1

*Approċċ ġenerali parzjali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar il-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-adulti. Dikjarazzjonijiet mill-Estonja, Malta u Spanja jinsabu fl-Anness

4. **Direttiva li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza**  9257/25 + COR 1  
*Approċċ ġenerali* + ADD 1-5

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Direttiva li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza.

Dikjarazzjonijiet mill-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Spanja u l-Ungerija, u dikjarazzjoni konġunta minn Franza u l-Portugall jinsabu fl-Anness

5. **Affarijiet oħra**

- a) **Proposti leġislattivi attwali** 9219/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġislattivi differenti fil-qasam tal-Ġustizzja.

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

6. Adezzjoni tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (KEDB) 8994/25  
*Sitwazzjoni attwali*
7. Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)<sup>1</sup> 8942/25 + COR 1  
*Sitwazzjoni attwali*
8. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: il-ġlieda kontra l-impunità<sup>2</sup> 9377/25  
*Sitwazzjoni attwali*
9. Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata: it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi<sup>2</sup> 8913/25  
*Sitwazzjoni attwali* 8814/25
10. Affarijiet oħra
- a) Laqgħa ministerjali bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Varsavja, 2-3 ta' Ġunju 2025) 9107/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza*
- b) Negozjati bejn l-UE u l-Istati Uniti rigward ftehim dwar l-evidenza elettronika 8489/25  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

<sup>1</sup> Fil-preżenza tal-Kap Prosekutur Ewropew.

<sup>2</sup> Fil-preżenza tal-aġenzija Ewropea Eurojust.

- |    |                                                                                                                                                                                    |         |
|----|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
| c) | Aċċess għad-data: żamma tad-data tal-komunikazzjoni elettronika<br><i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>                                                                            | 8490/25 |
| d) | It-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika tal-UE: l-importanza tal-promozzjoni ta' memorja Ewropea komuni u r-reżistenza għar-reviżjoniżmu storiku<br><i>Informazzjoni mil-Litwanja</i> | 9222/25 |
| e) | Sanzjonijiet tal-Istati Uniti kontra mħallfin tal-Qorti Kriminali Internazzjonali<br><i>Informazzjoni mis-Slovenja</i>                                                             | 9987/25 |
| f) | Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss<br><i>Preżentazzjoni mid-Danimarka</i>                                                                                                  | 9625/25 |

## **IL-ĠIMGĦA, 13 TA' ĠUNJU 2025**

### **AFFARIJET INTERNI**

#### **GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")**

##### **Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

- |     |                                                                                           |                              |
|-----|-------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------|
| 11. | Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen                                                 | 8235/25                      |
| a)  | Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat ta' Schengen 2025                                    | + ADD 1+2<br>9380/1/25 REV 1 |
| b)  | Prijoritajiet għaċ-Ċiklu 2025-2026 tal-Kunsill ta' Schengen<br><i>Skambju ta' fehmiet</i> |                              |
| 12. | Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà<br><i>Sitwazzjoni attwali</i>                       | 9314/25                      |

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**13. Affarijiet oħra**

- a) **Regolament dwar bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ**

 9515/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proposta għal Regolament dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward ta' bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.

- b) **Proposti leġiżlattivi attwali  
Informazzjoni mill-Presidenza**

9329/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġiżlattivi differenti fil-qasam tal-Affarijiet Interni.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

14. Implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) riformata<sup>34</sup>  
*Sitwazzjoni attwali*

15. L-istatus legali futur tal-persuni spostati mill-Ukrajna

- a) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 (Bażi legali: l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001)

 9933/25 + ADD 1

*Qbil politiku*

- b) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni minn protezzjoni temporanja  
*Sitwazzjoni attwali*

 9447/25

16. Id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni: il-Libja  
*Sitwazzjoni attwali*

9744/25

<sup>3</sup> B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen.

<sup>4</sup> Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej EUAA u Frontex.

|     |                                                                                                                                                                               |                                                                                     |
|-----|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------|
| 17. | Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna <sup>35</sup><br><i>Skambju ta' fehmiet</i>                                                                                            | 9267/25                                                                             |
| 18. | Aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi <sup>6</sup><br><i>Skambju ta' fehmiet</i>                                                                                   | 9208/25                                                                             |
| 19. | L-impatt tal-ambjent ġeopolitiku attwali fuq is-sigurtà interna tal-UE <sup>37</sup>                                                                                          |                                                                                     |
|     | a) l-Ukrajna <sup>8</sup>                                                                                                                                                     | 9396/25                                                                             |
|     | b) il-Moldova <sup>8</sup>                                                                                                                                                    | 9396/25                                                                             |
|     | c) is-Sirja                                                                                                                                                                   | 9268/25                                                                             |
|     | <i>Sitwazzjoni attwali</i>                                                                                                                                                    |                                                                                     |
| 20. | Il-ġlieda kontra l-isfidi tas-sigurtà: valutazzjoni mis-servizzi tal-intelligence Ewropej għas-sigurtà domestika <sup>39</sup><br><i>Sitwazzjoni attwali</i>                  |  |
| 21. | Konklużjonijiet dwar iċ-ċiklu tal-EMPACT 2026-2029<br><i>Approvazzjoni</i>                                                                                                    | 9207/25                                                                             |
| 22. | Affarijiet oħra                                                                                                                                                               |                                                                                     |
|     | a) Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata<br><i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>                                                                 | 8913/25                                                                             |
|     | b) Laqgħa ta' livell għoli tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni UE-CELAC dwar id-drogi (Varsavja, 8 ta' Mejju 2025)<br><i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>      | 8357/25                                                                             |
|     | c) Laqgħa ministerjali bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Varsavja, 2-3 ta' Ġunju 2025)<br><i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> | 9107/25                                                                             |
|     | d) Laqgħa ministerjali tal-Proċess ta' Brdo, Brdo pri Kranju, 27 u 28 ta' Marzu 2025<br><i>Informazzjoni mis-Slovenja</i>                                                     | 9740/25                                                                             |

<sup>5</sup> Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej Cepol, EUDA, eu-LISA, Europol, Eurojust u Frontex.

<sup>6</sup> Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej Europol u Eurojust.

<sup>7</sup> Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej Europol u Frontex.

<sup>8</sup> Fil-preżenza tal-Viċi Prim Ministru, il-Ministru għall-Unità Nazzjonali tal-Ukrajna u l-Ministru għall-Intern tal-Moldova.

<sup>9</sup> Fil-preżenza tal-aġenzija Ewropea Europol u d-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija għas-Sigurtà Interna (ABW) tar-Repubblika tal-Polonja.

e) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss  
*Preżentazzjoni mid-Danimarka*

9614/25



L-ewwel qari



Punt ristrett



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

---



**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "B" li jinsabu fid-dokument 9621/25**

**Dwar il-punt "B"**      **Regolament dwar il-protezzjoni tal-adulti**  
**nru 3:**                      *Approċċ ġenerali parzjali*

**DIKJARAZZJONI MINN MALTA**

"Malta tappoġġa l-oġġettivi li din il-Proposta għandha l-għan li tikseb, b'mod partikolari li ssaħħaħ id-dritt għall-awtonomija tal-persuni f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà. Madankollu, Malta temmen li t-test propost seta' kien aktar ambizzjuż biex jissalvagwardja aħjar id-drittijiet ta' tali persuni. Malta tfakkar li l-Istati Membri kollha, kif ukoll l-Unjoni nnifisha, huma parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD), li hija bbażata fuq ir-rispett għall-awtonomija tal-persuni, l-awtodeterminazzjoni tagħhom, u l-għoti ta' appoġġ permezz ta' miżuri rilevanti li jirrispettaw ir-rieda u l-preferenzi tal-persuna affettwata. Malta jiddispijaċiha li, bħala riżultat tal-approċċ meħud u l-lingwaġġ użat s'issa, it-test propost għadu mhux ser jikkomplementa l-operat tal-Konvenzjoni HCCH 2000 dwar il-Protezzjoni tal-Adulti b'mod li jiżgura u jippromwovi d-drittijiet li jinsabu fil-UNCRPD."

**DIKJARAZZJONI MINN SPANJA**

"Spanja għandha l-istess oġġettivi fil-mira bħall-proposta għal Regolament biex jittejjeb it-trattament f'każijiet transfruntieri li jinvolvu adulti b'indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tagħhom.

Madankollu, ma nistgħux nappoġġaw l-approċċ parzjali propost. Aħna nqisu li t-test propost mhuwiex ambizzjuż biżżejjed u kellu jagħmel aktar, u jieħu kont tal-prinċipji li jinsabu fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, li, mill-adozzjoni tagħha fl-2006, kienet u għadha bbażata fuq ir-rispett għall-awtonomija tan-nies, l-awtodeterminazzjoni tagħhom, u l-istabbiliment ta' miżuri ta' appoġġ, inkluż miżuri informali, li jirrispettaw ir-rieda u x-xewqat tal-persuni b'diżabbiltà."

## DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tappoġġa l-oġġettiv ġenerali tal-inizjattiva li tipprovdi protezzjoni transfruntiera għall-adulti li ma jistgħux jipproteġu l-interessi tagħhom stess, sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-persuni u tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-adulti.

Madankollu l-Estonja ma taqbilx mal-obbligu għall-Istati Membri li joħolqu reġistri ta' protezzjoni u jorbtuom ma' sistema Ewropea ċentrali kif meħtieġ mir-Regolament skont l-Artikolu 1(h). Fil-każ tagħna dan mhuwiex proporzjonat għall-ispejjeż assoċjati. Bħala tali l-Estonja tappoġġa l-approċċ ġenerali parzjali fil-Kapitoli I-V [1-5], bl-eċċezzjoni tal-imsemmija reġistri ta' protezzjoni obbligatorji li ser ikomplu jiġu diskussi taħt il-Kapitolu VIII [8] tar-Regolament."

**Dwar il-punt "B"      Direttiva li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza**  
**nru 4:                      Approċċ ġenerali**

## DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Filwaqt li r-Repubblika Ċeka tappoġġa bis-sħiħ l-oġġettivi tad-Direttiva li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza biex tissaħħaħ l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU), għad hemm xi riżervi sostantivi tar-Repubblika Ċeka għat-test tal-proposta. Għalhekk inqisu li huwa meħtieġ li nerġġhu lura għad-diskussjonijiet fil-livell tal-esperti. Aħna nemmnu bis-sħiħ ukoll li xi wħud mill-punti tat-tħassib tagħna ser jiġu indirizzati fit-trilogi mal-PE.

Fil-fehma tar-Repubblika Ċeka, nuqqas ewlieni tal-proposta huwa l-protezzjoni insuffiċjenti tal-kredituri.

Pereżempju, il-kredituri mhumix protetti b'mod adegwat kontra d-diżonestà tad-debitur meta jintuża l-mekkaniżmu pre-pack, li jista' jwassal għal użu ħażin ta' din il-proċedura. B'mod partikolari l-Artikolu 23b għandu jirrikjedi l-onestà tad-debitur u għandu jkun possibbli li jintemmu l-proċedimenti pre-pack minħabba l-intenzjoni diżonesta tad-debitur. Il-kredituri lanqas ma huma protetti biżżejjed mill-Artikolu 26.

Fl-Artikolu 2, meta jiġi applikat it-test tal-aħjar interess tal-kredituri, għandu dejjem jiġi kkunsidrat l-aħjar xenarju alternattiv. Fl-Artikolu 3a u t-Titolu VII, il-prinċipju ta' armonizzazzjoni minima għandu jkun marbut ukoll mal-possibbiltà li jingħata livell oġġettiv ta' protezzjoni lill-kredituri. L-Artikolu 19 għandu jippermetti li d-drittijiet ta' disponiment tad-debitur jiġu ristretti aktar sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-kredituri fi proċedura pre-pack. Fl-Artikolu 22a, għandu jkun meħtieġ ċertu livell ta' diffikultà finanzjarja tal-imprenditur biex tiġi żgurata protezzjoni xierqa tal-kredituri. Barra minn hekk, il-kjarifika tar-rwol u r-responsabbiltà tas-superviżur hija essenzjali biex il-kredituri jiġu protetti b'mod adegwat.

Ir-Repubblika Ċeka tqis ukoll li huwa importanti li jiġi previst li f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza d-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV li jirregolaw il-proċeduri pre-pack ikunu jistgħu jiġu derogati.

L-għan huwa li jiġi żgurat li l-kredituri jkunu protetti minn bejgħ mgħaġġel tan-negozju meta l-kundizzjonijiet tas-suq jiġu mfixkla.

Aħna nqisu li n-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq huma sostanzjali. B'hekk ir-Repubblika Ċeka tastjeni mill-votazzjoni dwar l-adozzjoni tad-Direttiva."

#### **DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA**

"L-Ungerija tappoġġa l-oġettivi fundamentali tad-Direttiva bħall-istabbiliment ta' regoli proċedurali ta' insolvenza aktar effettivi u armonizzati aħjar, it-trattament ugwali tal-proċedimenti ta' insolvenza u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi u aċċess aħjar għar-reġistri nazzjonali sabiex tiżdied il-kompetittività tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha. Madankollu, fir-rigward tal-approċċ ġenerali dwar id-Direttiva, l-Ungerija biħsiebha tastjeni milli tivvota, peress li ser ikunu meħtieġa aktar negozjati dwar l-approċċ ġenerali biex jiġi żgurat li jiġi adottat test b'bażi aktar soda u koerenti u b'hekk jiġi żgurat li d-Direttiva verament tappoġġa t-tisħiħ tal-Unjoni tal-Investimenti u tat-Tfaddil u l-promozzjoni tal-kompetittività."

#### **DIKJARAZZJONI MINN FRANZA U L-PORTUGALL**

"Franza u l-Portugall itennu l-appoġġ tagħhom għat-test ta' kompromess, li huwa pass importanti lejn it-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Marzu 2025.

Madankollu, jiddispjaċihom li l-Kunsill ma ħax din l-opportunità biex jarmonizza l-liġi dwar l-insolvenza għall-imprezzi ż-żgħar u b'hekk jiddeploraw it-tħassir tat-Titolu VI dwar l-istralċ tal-mikrointrapriżi. Huma jqisu li tali proċedura simplifikata tirrappreżenta strument konkret biex tissaħħaħ l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, jittejjeb l-ambjent ekonomiku għal strutturi żgħar, u titrawwem kultura ta' rkupru għall-imprendituri Ewropej. Dan ikun konformi ma' liġi Ewropea aktar aċċessibbli u effettiva.

Għalhekk, Franza u l-Portugall jesprimu x-xewqa li l-kwistjoni tal-mikrointrapriżi tiġi eżaminata mill-ġdid quddiem il-Parlament Ewropew, sabiex isiru sforzi lejn armonizzazzjoni ambizzjuża, adattata għar-realtajiet ekonomiċi Ewropej."

## **DIKJARAZZJONI MINN SPANJA**

"Spanja tqis li l-progress fil-qafas legali tal-insolvenza huwa importanti biex il-kumpaniji tagħna jsiru aktar kompetittivi. Madankollu, jiddispjaċina li t-test jintroduċi mill-ġdid il-kunċett legali tal-kumitat tal-kredituri, li kien tħassar żmien ilu minħabba l-inefficijenza u l-ispejjeż għoljin tiegħu. Aħna, bħal Stati Membri oħra, għandna mekkaniżmi oħra ta' protezzjoni tal-kredituri li huma aktar effiċjenti u li għandhom prestazzjoni tajba ferm.

It-test tat-Titolu IV tal-mekkaniżmu tal-pre-pack mhuwiex ambizzjuż biżżejjed; missna għamilna aktar fir-rigward tal-mekkaniżmu għall-protezzjoni kontra l-abbużi mwettqa fil-frodi tal-kredituri. Hija meħtieġa wkoll aktar ambizzjoni fil-mekkaniżmu li jippermettu l-kontinwità fl-attività tal-unità produttiva, sabiex in-nisġa tan-negozju tibqa' operazzjonali."

## **DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU**

"Il-Belġju jappoġġa bis-siġh l-oġġettiv tad-direttiva proposta. Regoli ta' insolvenza aktar armonizzati ser isaħħu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Il-Belġju jappoġġa wkoll il-protezzjoni tal-kredituri.

Madankollu, aħna konvinti li l-oġġettiv tal-protezzjoni tal-kredituri huwa aktar importanti mill-mezzi biex jinkiseb dan, bħal kumitat tal-kredituri previst fit-Titolu VII.

Il-Belġju huwa sostenitur qawwi tal-armonizzazzjoni, iżda mhux b'mod riġidu. Aħna npoġġu l-enfasi fuq l-oġġettiv, mhux fuq il-mezzi.

Nemmnu li sistema nazzjonali li tiffunzjona tajjeb, sistema li hija aktar rapida, effiċjenti u irħas, u li tipprevedi l-istess garanziji għall-kredituri kif propost fit-test, trid tiġi rikonoxxuta mit-test bħala ekwivalenti.

Fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali diġà tipprevedi l-protezzjoni tal-kredituri, li jiġi kostitwit kumitat tal-kredituri għandu jibqa' fakultattiv.

Għalhekk, il-Belġju jiddispjaċih li sistemi nazzjonali ekwivalenti li jipproteġu l-interessi tal-kredituri mhumix rikonoxxuti mit-test u li t-Titolu VII jipprevedi li l-kumitat tal-kredituri jkun obbligatorju għall-Istati Membri.

Aħna nqisu li n-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq huma sostanzjali.

B'dan, il-Belġju jastjeni mill-votazzjoni dwar l-adozzjoni tad-Direttiva."

---